**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 8 ta' Novembru, 2016**

**Citazzjoni Nru: 732/2007 AF**

**Raymond Fenech**

**vs**

**Frances Brincat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Raymond Fenech li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-attur u l-konvenuta huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 1 ta' Ottubru 2004 fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi.

Nhar is-26 ta' Novembru 2004, ulied l-attur ossia Francesca, Ramon u Luke ahwa Fenech dahlu f'weghda illi jixtru l-fond matrimonjali bil-garaxx anness sitwat fi Triq il-Ghajn, Swieqi minghand il-konvenuta ommhom u taw depozitu akkont tal-prezz pattwit ta' tlettax-il elf Lira Maltin (Lm13,000) li kopja

taghha qeghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. RF1.

Sussegwentement u permezz ta' ftehim iehor datat 10 ta' Jannar 2005, li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. RF2, il-konvenuta irceviet minghand ix-xerrejja fuq il-konvenju fuq imsemmi, ammont iehor akkont tal-prezz pattwit ta' tmienja u sittin elf, sitt mija u hamsa u disghin Lira Maltin (Lm68,695).

Sussegwentement u permezz ta' ftehim iehor datat 12 ta' Jannar 2005, li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. RF3, il-konvenuta irceviet minghand ix-xerrejja fuq il-konvenju fuq imsemmi, ammont iehor akkont tal-prezz pattwit ta' hdax-il elf, tlett mija u hamsa u disghin Lira (Lm11,395).

Sadanittant l-awtur kien xtara lill-konvenuta fond iehor inkluz l-ghamara sabiex tarredah sitwat gewwa Triq il-Madonna tal-Gebla, Gzira u dan sabiex il-konvenuta jkollha fejn tabita.

L-attur ghamel ukoll hlasijiet ulterjuri lill-konvenuta ghan-nom uliedu u akkont tal-prezz tal-fond sitwat gewwa s-Swieqi.

L-imsemmi konvenju skada minhabba htija unikament imputabbli lill-konvenuta.

Skond l'hawn fuq imsemmi konvenju "*f'kaz illi l-kuntratt tal-bejgh ma jigix finalizzat minhabba raguni imputabbli lill-bejjiegha, li ma tersaqx ghall-kuntratt finali ta' bejgh minghajr ebda raguni valida fil-ligi, ix-xerrejja jkollhom id-dritt ....... li jinghataw lura d-depozitu minnhom imhallas u l-hlas tad-danni*".

Sussegwentement, il-konvenuta kienet beighet u trasferixxiet 'l fuq imsemmi fond sitwat gewwa s-Swieqi lil terzi persuni.

Permezz ta' cessjoni maghmulha bi skrittura privata datata 1 ta' Frar 2007, kopja ta' liema hija hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. RF4 bejn l-ahwa Fenech u l-attur, l-ahwa Fenech wara illi rrikonoxxew u ddikajraw illi kemm id-depoziti

fuq l-imsemmi konvenju, kif ukoll id-diversi pagamenti sussegwentement effetwati akkont tal-prezz tal-istess fond, kienu effettivament qed jigu forniti lilhom minghand l-attur missierhom, huma ttrasferixxew u assenjaw lill-attur missierhom, il-kreditu kollu dovut lilhom minn ommhom il-konvenuta in konnessjoni mal-imsemmi konvenju li komplessivament jammonta ghal mija u tlett elef, tmien mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm103,875), kif ukoll ghal kull dritt eminenti mill-imsemmi konvenju tas-25 ta' Novembru 2004.

Minkejja illi l-konvenuta giet debitament notifikata bl-imsemmija cessjoni u dan permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Frar 2007, kopja ta' liema hija hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. RF5, hija baqghet inadempjenti.

L-attur kien debitur tal-konvenuta fis-somma ta' sebat elef, hames mija u sebghin Liri Maltin u tmenin centezmu (Lm7,570.80) inkluz l-imghax legali in linea ta' arretrati ta' manteniment.

Ghalhekk permezz ta' tpacija, il-konvenuta hija debitrici tal-attur fis-somma komplessiva ta' sitta u disghin elf, tlett mija u erba' Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm96,304.20).

Minkejja diversi interpellazzjonijiet inkluz dik permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Gunju 2007, li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. RF6 fejn il-konvenuta giet debitament interpellata sabiex thallas l-ammont pendenti lill-attur, hija baqghet inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenuta hija debitrici tal-attur fl-ammont komplessiva ta' sitta u disghin elf, tlett mija u erba' Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm96,304.20).

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sitta u disghin elf, tlett mija u erba' Liri Maltin u ghoxrin

centezmu (Lm96,304.20), jew somma ohra verjuri, lilu dovuta kif fuq premess.

Salv kull provvediment iehor illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 18 ta' Gunju 2007 u interessi legali kontra l-konvenuta mid-data tac-cessjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Frances Brincat li permezz tagħha eċċepiet illi:

L-azzjoni attrici, in kwantu dedotta fil-konfront tar-rispondenti mill-attur Raymond Fenech, hija insostenibbli stante illi l-att gudizzjarju illi permezz tieghu r-rispondenti giet mgharrfa bic-cessjoni tal-(allegat) kreditu minn uliedha Francesca, Ramon u Luke, ahwa Fenech a favur tal-attur u cioè l-ittra ufficjali datata 9 ta' Frar 2007 hija monka u irritwali a tenur tal-artikolu 178 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-att notifikat lir-rispondenti odjerna ma fihx firma ta' avukat stante illi l-Avukat Margaret Mifsud iffirmat l-imsemmija ittra ufficjali mhux f'isimha proprju izda ghan-nom tal-Avukat Renald Micallef, meta dan mhuwiex permess bil-ligi, u r-rispondenti, permezz ta' Nota (li kopja taghha tinsab hawna nnessa bhala Dok. "A") ipprotestat ruhha kontra tali ittra ufficjali.

Ghalhekk, in kwantu l-azzjoni kollha dedotta mill-attur fil-konfront tar-rispondenti hija msejsa fuq il-fatt tac-cessjoni a favur tieghu tal-(allegat) kreditu ta' uliedha Francesca, Ramon u Luke, ahwa Fenech fil-konfront tar-rispondenti, b'konsegwenza tal-eccezzjoni fuq imsemmija, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Sussidjarjament u assolutament bla ebda pregudizzju ghas-suespost, l-ammont rekalmat mill-attur fil-konfront tar-rispondenti huwa eccessiv uesagerat stante illi –

(i) Mid-data li fiha gieipprezentat ir-Rikors Guramentat, l-attur baqa' moruz fil-hlas tal-manteniment minnu dovut lir-rispondenti bir-rata ta' EUR931.75 fix-xahar liema, a tenur tal-kuntrattt ta' separazzjoni konsenswali datat 1 ta' Ottubru 2004 in atti Nutar Dottor Tonio Cachia, tizdied kull sena fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena skond l-indici tal-prezzijiet u ghalhekk l-ammont dovut mill-attur lir-rispondenti in linea ta' manteniment ghandu jitnaqqas mill-ammont minnu reklamat.

(ii) L-istess cedenti tal-(allegat) kreditu fil-konfront tar-rispondenti, u cioè Francesca, Ramon u Luke, ahwa Fenech, fil-mument li saret ic-cessjoni kienu huma stess debituri tal-istess rispondenti u ghalhekk kull ammont li kien minnhom dovut lir-rispondenti ghandu jigi mnaqqas mill-ammont reklamat mill-attur.

(iii) L-attur ghandu jaghti lir-rispondenti l-hlas ghall-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-post bl-isem "Feemans", Triq il-Ghajn, Swieqi li qabel kien jikkostitwixxi d-dar matrimonjali tal-partijiet riferibbli ghall-perjodu meta r-rispondenti ma kienitx ghadha tghix f'dan il-post u f'dan il-post kien qed jabita l-attur izda l-kontijiet tad-dawl u l-ilma kienu ghadhom qed johorgu f'isem ir-rispondenti bhala l-account holder filwaqt li l-konsum kien qed isir mill-attur.

(iv) L-attur ghandu jhallas lir-rispondenti kumpens ekwivalenti ghall-valur ta' diversi poggetti mobbli li huwa ha minn gol-fond fuq imsemmi, liema fond, flimkien mal-mobbli kollha ta' go fih, kien gie assenjat lir-rispondenti a tenur tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 1 ta' Ottubru 2004 in atti Nutar Dottor Tonio Cachia.

Illi oltre dan, ir-rispondenti inizjat proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) – vide Dok. "B" 0 biex tattakka l-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 1 ta' Ottubru 2004 in atti Nutar Dottor Tonio Cachia stante lir-rispondenti skopriet li l-attur odjern inter alia kien qarraq biha u zamm mistur l-entità reali u fattwali tal-assi kollha tieghu, u ghalhekk f'kull

kaz, din il-kawza għandha, f'kull kaz, tistenna l-ezitu ta' dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-assistent ġudizzjarju.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' Lm96,304.20 jew somma oħra verjuri lilu dovuta, liema somma huwa jgħid illi tħallset lill-konvenuta akkont tal-prezz tal-fond fi Triq il-Għajn, Swieqi, u liema somma għandha titħallas lilu wara li l-konvenju bejn il-konvenuta u ulied il-partijiet Francesca, Ramon u Luke aħwa Fenech skada mingħajr ma l-partijiet resqu għall-kuntratt finali. Il-konvenuta eċċepiet in-nullità tal-ittra uffiċjali li permezz tagħha ġiet mgħarrfa biċ-ċessjoni tal-kreditu minn uliedha favuri l-attur kif ukoll illi l-ammont reklamat mill-attur huwa eċċessiv u esagerat in kwantu li hija tgħid illi kemm iċ-ċedenti uliedha Francesca, Ramon u Luke aħwa Fenech u kemm l-attur huma debituri fil-konfront tagħha u għaldaqstant l-ammont dovut lilha għandu jitnaqqas mill-ammont mitlub mill-attur. Il-konvenuta eċċepiet ukoll illi din il-kawża għandha tistenna l-eżitu tal-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja li permezz ta' liema proċeduri l-konvenuta tgħid li qiegħda tattakka l-kuntratt ta' separazzjoni konsennswali ta' bejn il-partijiet. Fil-fatt hija għamlet talba

għas-soprasessjoni tal-proċeduri odjerni, liema talba ġiet miċħuda minn din il-Qorti.

Mill-provi prodotti, jirriżulta li l-fatti tal-kawża huma dawn. Il-partijiet huma legalment separati. Minkejja li ma ġietx esibita kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni, jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet illi skont l-imsemmi kuntratt, l-attur assenja lill-konvenuta s-sehem tiegħu mid-dar matrimonjali u ċioè d-dar bl-isem ta' Freemans, fi Triq il-Għajn, Swieqi, biex b'hekk din il-proprjeta kienet tappartjeni unikament lill-konvenuta. Jidher li din id-dar ġiet akkwistata b'titolu ta' enfitewsi mingħand l-Awtorità tad-Djar jew il-predeċessur tagħha.

Permezz ta' konvenju datat 26 ta' Novembru 2004, il-konvenuta obbligat ruħha li tbiegħ u titrasferixxi din il-proprjeta lill-ulied il-partijiet Francesca, Ramon u Luke aħwa Fenech versu l-prezz ta' Lm130,000, illum €302,819. Fuq dan il-konvenju ġie ddikjarat illi l-konvenuta kienet diġa rċieviet l-ammont ta' Lm7,600 bħala depożitu akkont tal-prezz u ddikjarat ukoll li kienet qiegħda tirċievi fuq il-konvenju somma oħra ta' Lm5,400 u għaldaqstant ħalliet id-debita riċevuta fuq dan il-konvenju għas-somma ta' Lm13,000, llum €30,282. Dan il-konvenju kellu jkun validu sal-10 ta' Jannar 2005.

Permezz ta' skrittura oħra datata 10 ta' Jannar 2005, l-attriċi u uliedha msemmija ġeddew il-validita tal-konvenju sas-6 ta' Mejju 2005 kif ukoll gie mhallas lill-konvenuta l-ammont addizzjonali ta' Lm68,695, llum €160,016, akkont tal-prezz tal-bejgħ tal-proprjeta msemmija fil-konvenju. Fit-12 ta' Jannar 2005 il-partijiet reġgħu dehru fuq skrittura oħra fejn l-aħwa Fenech ħallsu lill-konvenuta s-somma ta' Lm11,395, llum €26,543, ukoll akkont tal-prezz tal-bejgħ tal-proprjeta msemmija. B'hekk jirriżulta li l-ammont komplessiv li tħallas lill-konvenuta fuq dawn l-iskritturi kien ta' Lm93,090, llum €216,841.

Jirriżulta li l-flus kollha li tħallsu fuq dawn l-iskritturi kienu qegħdin jiġu forniti mill-attur u għaldaqstant permezz ta' skrittura datata 1 ta' Frar 2007 dehru Francesca, Ramon u Luke aħwa Fenech kif ukoll l-attur fejn wara li saret riferenza għal konvenju u skritturi sussegwenti msemmija, l-aħwa

Fenech ittrasferew u assenjaw il-kreditu dovut lilhom u l-interessi dekorribli flimkien ma kull dritt emanenti mill-konvenju lil missierhom l-attur Raymond Fenech.  L-attur għarraf lill-konvenuta b'din iċ-ċessjoni permezz ta' ittra uffiċjali datata 9 ta' Frar 2007, notifikata lill-konvenuta fit-22 ta' Frar 2007.

M'huwiex kontestat bejn il-partijiet  illi l-flus li tħallsu fuq il-konvenju msemmi u dawk li tħallsu fuq l-iskritturi sussegwenti kienu forniti mill-attur kif lanqas ma huwa kkontestat illi dawn il-flus kienu qed jintużaw sabiex il-konvenuta tixtri u tattrezza fond ieħor fil-Gzira sabiex tmur tgħix hemm.

Permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob ukoll l-ammont addizzjonali ta' Lm 10,785 in kwantu li huwa jgħid illi għamel diversi pagamenti sabiex l-attriċi tattrezza l-proprjeta akkwistata minnha fil-Gżira u fil-fatt huwa esibixxa kopji ta' diversi *cheques* maħruġa minnu lill-fornituri differenti. Il-konvenuta tikkonferma li hija rċieviet l-ammont kollu reklamat mill-attur.

Jirriżulta li l-proprjetà mertu tal-konvenju msemmi inbiegħet lil terzi u dan wara li nqala dizwgid bejn il-partijiet minħabba kundizzjoni imposta mill-Awtorità tad-Djar fis-sens illi sabiex il-proprjeta tiġi żviluppata f'appartamenti, l-enfitewta jkun obbligat iħallas lill-Awtorita` 25% tal-valur tal-art jiġifieri 25% ta' Lm50,000.  Ma jirriżultax illi ebda parti interpellat lill-parti l-oħra sabiex tersaq fuq l-att finali ta' bejgħ qabel ma skada t-terminu tal-konvenju kif estiż sas-6 ta' Mejju 2006.

Preliminarjament il-konvenuta eċċepiet in-nullita tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Frar 2007, mibgħuta mill-attur ai termini tal-artikolu 1471 et seq tal-Kodiċi Ċivili, peress illi l-ittra uffiċjali in kwistjoni ġiet iffirmata minn Avukat għan-nom ta' Avukat ieħor. Il-konvenuta fir-risposta tagħha tagħmel riferenza għall-artikolu 178 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid illi '*L-iskritturi u rikorsi ġuramentati jew le għandhom ikunu ffirmati mill-avukat u, meta jkun hemm, minn prokuratur legali.*'  In kwantu li l-ittra uffiċjali ġiet fil-fatt iffirmata minn avukat, din il-Qorti ma tara ebda raġuni għalfejn għandha ssib illi m'hijiex valida fil-liġi.  Il-Qorti ma taqbilx mal-konvenuta li

din l-ittra uffiċjali m'hijiex valida sempliċiment għaliex hija ffirmata minn Avukat għan-nom ta' Avukat ieħor u dan speċjalment in vista tal-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Tagħna li sa fejn huwa legalment possibli, atti għandhom jiġu salvati. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni tal-konvenuta qiegħda tiġi miċħuda.

Fir-rigward tal-flus illi tħallsu lill-konvenuta fuq il-konvenju u l-iskritturi sussegwenti, il-partijiet iddikjaraw fil-konvenju li m'għandhomx japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili fir-rigward tal-kappara. F'dan il-każ, m'huwiex neċessarju li l-Qorti teżamina jekk attwalment dawn il-flus tħallsux bħala 'kappara' jew bħala depożitu akkont tal-prezz tal-proprjeta in kwistjoni in kwantu li kif inhuma stabbilit fil-ġurisprudenza li '*f'każ fejn konvenju jiskadi mingħajr ħadd mill-kontendenti ma jimplimenta dan il-konvenju fit-termini tal-validita tiegħu u lanqas ma jieħu miżuri ġudizzjarji li trid il-liġi biex jinfurzaw id-drittijiet u obbligi reċiproki stipulati fil-konvenju jfisser li l-partijiet jirritornaw għall istatus quo ante. Għalhekk il-kompratur jista' jitlob lura mingħand il-venditur id-depożitu li jkun ħallas fuq il-konvenju*' (Loreto Abela vs Teresa Spiteri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 1989). Hekk ukoll f'każ illi s-somma mħallsa tkun kapparra u mhux depożitu akkont tal-prezz ingħad hekk minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Christine Cassar Torregiani vs L-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre noe, deċiża fid-29 ta' Ottubru 2004 u konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-25 ta' Mejju 2007: '*Inoltre anke fil-kaz ta' flus moghtija kapparra, hi mehtiega l-interpellazzjoni. Fil-fatt fis-sentenza PA JSP Hutchinson vs P.Cortis 5/2/1992 il-Qorti ddecidiet li l-parti li tezigi t-telfin tal-kapparra trid tipprova qabel xejn li kienu jikkonkorru l-elementi necessarji biex jipprovokaw it-telfin tal-kapparra, u cjoe l-inadempjenza tal-parti l-ohra. Din qabel xejn tippresupponi d-disponibilita' tal-parti li qed tirrivendika l-kapparra li tersaq ghall-kuntratt definittiv u r-rifjut tal-parti l-ohra li taghmel dan. Dan ir-rifjut jista' jigi biss pruvat definittivament bin-nuqqas taghha li tersaq fuq il-kuntratt <u>wara li tkun giet debitament interpellata ufficjalment</u> skond il-kaz, biex taghmel dan.*' F'dan il-każ m'huwiex kontestat bejn il-partijiet illi ebda parti ma nterpellat lill-parti l-oħra sabiex tersaq fuq l-att finali ta' bejgħ u

għaldaqstant il-bejjiegħ ma għandu ebda dritt iżomm il-flus li rċieva bħala kapparra jew depożitu akkont tal-prezz tal-bejgħ.

Fil-fatt, ma jirriżultax illi l-konvenuta qiegħda tikkontesta t-talbiet tal-attur lanqas fir-rigward tal-ammont addizzjonali mitlub minnu ħlief billi tgħid illi għandha sseħħ tpaċija peress illi kemm l-attur kif ukoll uliedha huma debituri fil-konfront tagħha.

Dwar it-tpaċija, artikolu 1196 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> *(1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija.*
>
> *(2) It-tpaċija ssir ipso jure, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs.*

Artikolu 1197 imbagħad jipprovdi li:

> *(1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.*
>
> *(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità*

Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Marianna Spiteri et vs Joseph Vella, deċiża fit-3 ta' Mejju 1993, *'minn dan naraw li l-eċċezzjoni ta' tpaċija fiha nfisha tammonta għal ammissjoni tad-debitur, u li dan id-debitu huwa dovut biss mgħandux jitħallas għax huwa paċut minn ammont ieħor dovut mill-kreditur.'*

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet San Andrea School vs David Mallia et tat-28 ta' Ġunju 2013:

*"Illi sabiex topera t-tpacija jehtieg li jikkonkorru s-segwenti fatturi: li jkun hemm zewgt idjun fl-istess waqt, anke jekk mhux fl-istess qies jew ammont; li dawn id-djun jirreferu ghal*

*tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reciprokament ta' xulxin; li jkollhom bhala oggett il-hlas ta' flus jew haga ohra fungibbli; li jkunu gew likwidati jew facilment likwidabbili; li jkunu certi wkoll f'dik li hija kwantita`; u li d-djun ikunu dovuti jew jistghu jintalbu. Inoltre, jinsab ritenut ukoll fil-gurisprudenza patria li t-tpacija ma tistax issehh dwar krediti li ma jkunux ammessi jew li l-ammont taghhom ikun kontestat [ara fost ohrajn App.C* ***Giuseppe Schembri v. Giuseppa Chircop*** *deciza 14 Jannar 1955; PA* ***Anthony Calleja v. Joseph Debono*** *deciza 1 Frar 1964; App.C Onor.Carm* ***Lino Spiteri v. Director of Public Works*** *deciza 25 Jannar 1998; Q.Kum.* ***Avukat John Mamo v. Edward Borg*** *deciza 1 Gunju 1990; PA* ***Joseph Borg noe v. Norman Buckle*** *deciza 12 Dicembru 2002; u App.* ***Perit Vincent Cassar v. Nicholas Debono*** *deciza 22 Marzu 2005]."*

Hekk ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Paul Abela noe vs Paul Laferla noe deċiża fit-18 ta' Mejju 1953 ingħad illi *'l-kompensazzjoni ma tistax tiġi nvokata bħala li operat ruħha ipso jure għar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-oħra.'* L-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet L-Avukat Dr Jose' Herrera noe vs Victor Tabone noe tat-2 ta' Mejju 1995 ikkonfermat li fejn il-kreditu pretiż mill-konvenut hu kontestat u dwaru jkun hemm provi konfliġġenti, m'huwiex ċert u likwidu u lanqas determinat bħala dovut.

Applikati dawn il-prinċipji għal każ illi għandha quddiemha l-Qorti llum, ma jirriżultax illi l-ammont reklamat mill-konvenuta bħala manteniment huwa ċert in kwantu li kif diġa ngħad, ebda parti ma esibiet kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet u minkejja li jidher li hemm qbil bejn il-partijiet illi l-manteniment dovut lill-konvenuta kien ta' Lm400 fix-xahar, liema ammont kellu jiżdied skont l-għoli tal-ħajja, jidher li huwa kkontestat bejn il-partijiet meta l-attur waqaf iħallas manteniment lill-konvenuta in kwantu li filwaqt illi l-konvenuta tgħid illi l-attur ħallas biss għal madwar 6 xhur wara li ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, l-attur ippreżenta rendikont fejn skont hu baqa jħallas manteniment sa aktar minn sena wara li ġie ffirmat il-kuntratt. Il-konvenuta llimitat ruħha billi qalet biss illi l-attur waqaf iħallasha manteniment mingħajr ma ittentat tressaq prova ċara ta' kemm huwa dovut lilha. Fin-

nuqqas ta' indikazzjoni ċara sabiex il-Qorti tkun tista' tasal għal likwidazzjoni tal-ammont attwalment dovut lill-konvenuta sabiex tkun tista' sseħħ it-tpaċija, l-eċċezzjoni tagħha f'dan is-sens ma tistax tintlaqa'. Kien jispetta lill-konvenuta sabiex tieħu ħsieb li tissostanzja l-eċċezzjoni tagħha b'figuri konkreti sabiex il-Qorti tkun tista' tikkunsidra l-eċċezzjoni tagħha u mhux tippretendi li l-Qorti tasal għal figura hi bbażata fuq ix-xhieda vaga tagħha.

Fir-rigward tal-mobbli li l-konvenuta tgħid illi l-attur ħa mid-dar matrimonjali, fix-xhieda tagħha l-konvenuta ssemmi oġġetti li tgħid illi jammontaw għall-€5000 u ġiżirana tal-fidda li tiswa madwar Lm800, llum €1864. Aktar tard fid-depożizzjoni tagħha tgħid pero li hija ma ratx lill-attur jieħu dawn l-oġġetti iżda li kienu t-tfal li qalulha li kien ħadhom. Il-Qorti ssib illi din id-dikjarazzjoni hija vaga wisq u lanqas ma tressqet ebda prova sabiex tissostanzja l-allegazzjoni tagħha jew imqar valutazzjoni ta' kemm kienu jiswew dawn l-oġġetti. Lanqas ma ġie mistoqsi dwarhom l-attur jew ulied il-partijiet fil-kontro eżami tagħhom u dan meta fix-xhieda tiegħu l-attur kien qal illi huwa ma kien ħa ebda għamara mid-dar matrimonjali. Għaldaqstant, il-Qorti ssib illi l-eċċezzjoni tat-tpaċija lanqas ma treġi fir-rigward ta' dawn il-mobbli.

Finalment, fir-rigward tal-ammont allegatament dovut lill-konvenuta minn uliedha aħwa Fenech, il-Qorti tirrileva li din l-eċċezzjoni ma treġix in kwantu li uliedha lanqas huma parti fil-kawża u ma saret ebda talba sabiex jiġu msejħa fil-proċeduri. Fi kwalunkwe każ ma tressqet ebda prova li uliedha huma debituri fil-konfront tagħha. Lanqas ma tressqet ebda prova mill-konvenuta fir-rigward tal-kontijijet tad-dawl u ilma msemmija fir-risposta tagħha.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti ssib illi ma tistax issir kompensazzjoni permezz ta' eċċezzjoni. Artikolu 396 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi li tista ssir rikonvenzjoni *'(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha*.' Kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Middlesea Insurance plc vs

Raymond Avallone, deċiża fil-25 ta' Novembru 2013: '*Meta ssir kontro-talba biex jigi pacut il-kreditu li jkun talab l-attur, l-ghan taghha hu li l-konvenut jigi kanonizzat bhala kreditur tal-attur fis-somma pretiza mill-konvenut. B'dan il-mod il-konvenut jipprova jestingwi l-obbligazzjoni li jkollu fil-konfront tal-attur, sal-ammont li fih jigi kanonizzat kreditur tal-attur*.' Iżda fil-każ in eżami l-konvenuta ma pproponietx kontro-talba.

Il-konvenuta kellha u jista' jkun għad għandha għad-disposizzjoni tagħha meżżi fil-liġi biex tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra l-attur. Jispetta lilha li tagħmel użu minnhom. Din il-Qorti pero ma tistax testendi l-interpretazzjoni tal-eċċezzjoni tat-tpaċija fejn il-liġi ma tippermettihx. Għaldaqstant l-eċċezzjoni tat-tpaċija tal-konvenuta qiegħda tiġi miċħuda

Fir-rigward tal-aħħar eċċezzjoni tal-konvenuta, kif diġa ngħad din il-Qorti diġa ċaħdet it-talba tagħha għas-soprasessjoni ta' dawn il-proċeduri kontenuta fir-rikors tagħha tal-21 ta' Novembru 2013. Is-soprasessjoni hija kkunsidrata bħala '*rimedju straordinarju li l-Qorti ghandha tirrikori ghalih biss meta huwa mehtieg fl-interess ta' amministrazzjoni tal-gustizzja x'hin tinqala kwistjoni delikata u gdida li decizzjoni taghha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza jew minhabba li n-natura guridika taghha ma jkunx konvenjenti li tigi ezaminata u deciza hlief f'kawza ohra li tkun trid tigi proposta separatament*' (Carmelo Mallia et vs Andrew Bezzina, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Mejju 1989). Il-Qorti tirrileva li ma tressqet ebda prova mill-konvenuta li l-kawża l-oħra msemmija minnha tista' timpinġi fuq il-mertu tal-kawża odjerna u lanqas ma tressqet ebda raġuni valida għaliex din il-Qorti għandha tistenna l-eżitu tal-kawża l-oħra. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni wkoll qiegħda tiġi miċħuda.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezjonijiet tal-konvenuta:

1. Tilqa' t-talbiet tal-attur billi tiddikjara illi l-konvenuta hija debitriċi tal-attur fl-ammont komplessiv ta' sitta u disgħin elf, tlett mija u erbgħa Liri Maltin u għoxrin Ċentenżmu (Lm96,304.20), llum mitejn erbgħa u għoxrin elf, tlett

mija u tmienja u għoxrin Ewro u erbgħa u erbgħin Ċenteżmu (€224,328.44);

2. Tikkundana lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' sitta u disgħin elf, tlett mija u erbgħa Liri Maltin u għoxrin Ċentenżmu (Lm 96,304.20), llum mitejn erbgħa u għoxrin elf, tlett mija u tmienja u għoxrin Ewro u erbgħa u erbgħin Ċenteżmu (€224,328.44). Fiċ-ċirkostanzi, l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.

Spejjeż jitħallsu mill-konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG